**Ħajr li qed tkellimni**

Kien jum fost il-ġimgha
Meta ltqajna flimkien,
Ma domniex wisq nitħaddtu
Għaliex ma kellniex zmien.

Madankollu bdejna
Nitolbu għal xulxin,
Bejnietna daħal sliem
L'għamilna ferħanin.

Għax fil-ħajja x'jibqa'
Jekk mhux il-ġid tar-ruħ?
Dejjem jibqa' magħna
Jekk nagħrfu inħalluh?

Hu dan l'int tagħlimni
B'ħafna sempliċità,
Li toħroġ minn qalbek
Fost ħafna umiltà.

Għalhekk int speċjali
Postok ma jieħdu qatt,
Għax tara kif tagħmel
Sabiex tgħin lil kulħadd.

Ferħan bik il-Mulej
Li lilu int tant tħobb,
Ferħana Marija
Ommok, li int wisq tgħożż.

Ħelwa l-ħarsa tiegħek
Imħabba issemmix,
Iġġib il-ferħ magħha
U biha ma nibkix.

Għalik l'Alla nfaħħru
M'għandix kliem, emminni,
Raġġ sabiħ tal-ħniena
Ħajr li qed tkellimni.

Patri Mario Attard OFM Cap
25 ta' Novembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.